MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 137/2003

**Godwin Vella**

**vs**

**Pilastri Construction Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef hames mija u sitta u ghoxrin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm4526.52,0), liema ammont huwa dovut ghall-istallazzjoni u provvizjoni ta' `stainless steel railings' fuq talba tas-socejta' konvenuta stess, ai termini ta' ftehim datat 18 ta' April, 2002 (hawn anness bhala dokument `A');**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati numri 386/03 u 387/03 u bl-imghax mid-data ta' meta l-ammont sar dovut, kontra s-socjeta' konvenuta li sa minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-11 ta' Gunju tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------